**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 194/2000**

**Il-Pulizija (Spetturi Peter Paul Zammit u Sandro Zarb)**

**Vs**

**VICTOR GAUCI**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Victor Gauci talli bejn is-7 u t-8 ta'April, 1997, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu bhala Spettur fil-Korp tal-Pulizija, (**1**) ircieva jew accetta ghalih xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd, u dan sabiex jghamel jew ma jghamilx dak li hu fid-dmir tieghu li jghamel, (**2**) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jghamel xi att b'tghakis jew bi hsara ta'haddiehor, (**3**) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficcjal pubbliku, ikkommetta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa d-dmir tieghu li jimpedixxi.

Rat is-sentenza moghtija fit-8 t'Awwissu, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Victor Gauci hati ta' l-ewwel akkuza bl-assorbiment ta' l-akkuzi l-ohra kif dedotti kontrih, u kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin, kif ukoll ordnat l-interdizzjoni temporanja tieghu ghal zmien ghaxar (10) snin.

Rat ir-rikors t'appell ta'Victor Gauci datat 18 ta'Awwissu, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati, u tilliberah mill kull imputazzjoni, htija w piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi l-ghaliex in bazi tal-provi li kienet gabet quddiemha l-prosekuzzjoni, dik il-Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni taghha li ssib htija fl-appellant, kemm ragjonevolment u lanqas legalment.

Ghalhekk, in vista ta'dan, din il-Qorti qrat u reghhet qrat b'attenzjoni kbira x-xhieda kollha li tressqghet quddiem l-ewwel Qorti u fliet sewwa kull tip ta'evidenza li tezisti fl-atti. Il-Qorti analizzat sewwa w dettaljatament ix-xhieda moghtija partikolarment mix-xhud Khadyja Sarwani, li hija x-xhud principali tal-prosekuzzjoni, u waslet ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti ma kellhiex provi w evidenza quddiemha sufficjentement b'sahhitha li, in bazi ta' l-istess, setghet ragjonevolment, minghajr ebda dubju ragjonevoli, issib u tiddikjara htija fl-appellant fl-akkuzi dedotti kontrih.

Kif tajjeb esklamat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, dan il-kaz jippernja biss fuq kredibilita' ta' xhieda, u, kif qalghet ukoll dik il-Qorti, kif qed jigi hawn riprodott mis-sentenza appellata : " Il-kwistjoni li ghandha l-Qorti hija wahda: Ghandhiex tigi emnuta l-verzjoni ta' l-imputat Gauci, jew ghandhiex tigi affermata dik ta'Khadyja Sarwani kif imsahha mill-istqarrija ta'Salah ?"

Hu evidenti, mela, li ghall-ewwel Qorti hi waslet ghad-decizjoni taghha li ssib htija fl-appellant in bazi tax-xhieda ta'Sarwani kif imsahha mill-istqarrija tax-xhud tal-prosekuzzjoni Salah. U hu propju hawnhekk fejn l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta fl-apprezzament li kienet ghamlet ta'dawn il-provi.

Kif, del resto, qalghet l-ewwel Qorti stess, ix-xhieda ta'Sarwani kienet wahda li fuqha ma setghetx tghati affidament. L-ewwel Qorti dettaljatament fissret l-ghaliex ix-xhieda ta'Sarwani ma kienet twassal imkien fis-sens li fil-fehma ta' dik il-Qorti, Sarwani kienet persuna tant imhawda u li taf tigdeb, li ma tistghax tinghata kredibilita'. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti li Sarwani mhiex xhud kredibbli, u ma hemmx ghalfejn tirrepeti r-ragunijiet l-ghaliex jidhrilha hekk. L-ewwel Qorti semmiethom dettaljatament, u din il-Qorti tghamilhom taghha ukoll. Ghalhekk, ix-xhieda ta' din Sarwani, gja' la darba din mhiex xhud affidabbli, bhal ma ddikjaratha l-istess Qorti ta'Prima Istanza, trid necessarjament u legalment tigi skartata. Hija l-ewwel Qorti stess li qalghet li kieku kollox kien jiddependi biss fuq ix-xhieda ta'din Sarwani, allura l-kaz tal-prosekuzzjoni jikkrolla.

Illi, ghalhekk, gja' la darba hemm qbil li wiehed ma jistghax joqghod fuq ix-xhieda ta'Sarwani, allura legalment l-ewwel Qorti ma setghetx, fl-istess hin, tghid li dik ix-xhieda hija msahha mill-istqarrija ta' Salah, li hu xhud iehor tal-prosekuzzjoni. Jew dik hija xhieda mhux kredibbli, u ghalhekk trid tigi skartata, jew tghid li dik hija xhieda li ghandha mis-sewwa, hija msahha minn provi jew cirkostanzi ohra, u ghalhekk, hija xhieda kredibbli u valida legalment fis-sens li in bazi taghha wiehed jinsab moralment konvint mill-htija ta' l-appellant. Logikament u legalment, ghalhekk, hu kontrasens li l-ewwel Qorti tghid li dik

ix-xhieda ta'Sarwani mhiex kredibbli, u wara tghid li dik ix-xhieda hija imsahha minn xi forma ta' prova ohra.

Pero' din il-Qorti ma tieqafx hawnhekk. Kienet ukoll legalment skorretta l-ewwel Qorti li tghati valur probatorju lill-istqarrija ta'dan Salah filwaqt li warrbet bhala mhux kredibbli dak li hu xehed quddiemha 'viva voce' waqt dawn il-proceduri, taht gurament u fil-presenza ta' l-appellant, allura imputat.

L-ewwel Qorti dehrilha li ma temmen xejn minn dak li xehed quddiemha dan Salah. Kellha kull dritt li tghamel hekk, jekk hekk irrizultalha mill-apprezzament li ghamlet ta'dan ix-xhud li, kif intqal, huwa xhud tal-prosekuzzjoni. Pero' ma setghet qatt, minflok, tissostitwixxi dak li xehed quddiemha b'dak li hu kien qal lill-pulizija fl-istqarrija li hu kien irrilaxxjalha waqt il-kors ta' l-investigazzjoni konnessa ma' dan il-kaz. Dak li kien qal Salah lill-pulizija f'din l-istqarrija tieghu jikkonsisti biss f'dikjarazzjoni li hu kien ghamlilha, mhux taht gurament u mhux fil-presenza ta' l-appellant li, ghalhekk, ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontrolla dak li kien qed jghid dan Salah. Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta'dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentatha b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentatha. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kontrollata l-kredibilta' tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le. L-ewwel Qorti ghalhekk qatt ma setghet tissostitwixxi dak li qal Salah fix-xhieda tieghu b'dak li qal fl-istqarrija tieghu, bhal ma fil-fatt ghamlet f'dawn il-proceduri. L-ewwel Qorti kellha kull dritt tghid li mhiex qed temmen lil-Salah f'dak li kien qed jixhed quddiemha, izda qatt ma setghet li, minflok dik ix-xhieda guramentatha tieghu, taccetta bhal prova valida, u li tista' twassal sabiex issib htija, dak li hu kien qal fl-istqarrija. Inoltre, huwa aktar u aktar legalment skorrett li l-ewwel Qorti tghid li x-xhieda ta' Khadyja Sarwani mhiex wahda affidabbli, li fuqha ma tistghax tasal ghall-konvinciment morali dwar il-htija ta' l-appellant, u, imbaghad, tghid li dik ix-xhieda mhux kredibbli hija msahha b'dak li hemm fl-istqarrija ta'Salah, li, kif intqal, starrija bhal din, ta'xhud, ma ghandhiex valur probatorju.

Dan kollu premess, ghalhekk, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni taghha li is-sejbien u dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant mill-ewwel Qorti in bazi ta' l-istqarrija tax-xhud tal-prosekuzzjoni Salah hija konkluzzjoni "<u>unsafe and unsatisfactory</u>", bhal ma gie ritenut fl-Appell Kriminali 52/1997 fl-ismijiet "*Il-Pulizija –vs- Michael John Turner*", deciz minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-7 ta'Jannar, 1998. Hawnhekk, din il-Qorti qed tirriproduci dak li hi semmiet fl-appell indikat fejn ikkwotat dak li qal Lord Chief Justice Widgery in R. v. Cooper (1969) 1 QB 276, viz: "<u>An appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (fil-kaz odjern dan japplika ukoll ghad-decizjoni tal-Magistrat) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the</u>

case, including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings, leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”

Dan il-principju gie applikat ukoll minn din il-Qorti diversi drabi. Mill-apprezzamernt tal-provi li hemm traskritti fl-atti, din il-Qorti tara li l-evidenza mressqa mill-prosekuzzjoni hija wahda debboli hafna, specjalment tenut kont li x-xhieda ta’Sarwani mhiex kredibbli w affidabbli, u li l-istqarrija ta’Salah mhiex prova legalment valida tal-kontenut taghha kontra l-appellant. Jista’ jghati l-kaz li hemm suspetti jew possibilitajiet li l-appellant ghamel dak li allegatament ghamel. Izda, kif hu ben saput, il-Qorti qatt ma tista’ issib htija f’xi hadd meta l-provi jistghu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, jew in bazi ta’ suspetti biss. Il-provi li hemm fl-atti jwasslu biss sal-grad tas-suspett infondat jew mhux provat, jibqghu biss allegazzjonijiet kontra l-appellant mhux provati sal-grad rikjest mill-ligi, dak tal-konvinciment morali. Hu f’dan is-sens li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li ssib htija fl-appellant, allura imputat, in bazi ta’dawk il-provi, aktar u aktar meta kienet hi stess li ddikjarat x-xhieda tax-xhud principali Sarwani bhal mhux kredibbli, u meta din, ghal din ir-raguni, qatt ma tista’ tigi msahha minn stqarrija ta’xhud iehor.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti qed takkolji l-aggravji ta’ l-appellant Victor Gauci, qed tilqa’ l-appell tieghu dan billi tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w kull ordni moghtija mill-ewwel Qorti, tiddikjarah mhux hati ta’ l-akkuzi dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur